# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Lulju, 2019**

**Numru**

**Rikors numru 63/19MCH**

**Marion Pace Axiaq, Robert Aquilina, Simon Sansone, Pia Zammit u Emanuel Delia f'isem Repubblika, assocjazzjoni li hi registrata bhala persuna guridika mar-Registratur ghal Persuni Guridici**

**v.**

**L-Onorevoli Prim Ministru u l-Onorevoli Ministru ghall-Gustizzja**

Preliminari

1. Dan hu provvediment moghti fuq talba maghmula mill-atturi fl-udjenza tat-8 ta' Lulju 2019 li permezz taghha qed jitolbu f'dan il-kaz ir-rikuza tal-President tal-Qorti abbazi tal-artikolu Art. 734 (1) (d) (i) u (e) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, b'referenza wkoll ghal gurisprudenza kemm lokali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea.

2. L-atturi rregistraw hekk it-talba taghhom:

"Fil-meritu t-talba ta' ***Repubblika*** ghal din ir-rikuza f'dawn il-proceduri jirrigwardjaw l-evalwazzjoni, in-nomina, il-hatra ta' Magistrati u Imhallfin, li sehhew fil-25 ta' April 2019 u l-assenjazzjoni ta' dmirijiethom fuq rakkommandazzjoni tal-istess Sinjurija Tieghu l-Prim Imhallef.

"In vista ta' dan u in vista tal-Art. 96A tal-Kostituzzjoni [ta' Malta] li tghid li l-*Kumitat dwar il-Hatriet tal-Gudikatura* huwa ppresjedut mill-Prim Imhallef, liema kumitat ghandu l-funzjoni, u allura anke fil-meritu tal-hatriet in disamina f'dan il-kaz, illi jircievi u jezamina l-espressjonijiet ta' interess minn persuni interessati fil-kariga ta' Magistrat/Imhallef, li jaghmel l-intervisti u l-evalwazzjoni taghhom biex imbaghad jaghti parir lill-Prim Ministru permezz tal-Ministru tal-Gustizzja, u maghdud ma' l-Art. 101A (13) tal-Kostituzzjoni illi tghid illi huwa l-Prim Imhallef li jirrakkommanda lill-Ministru tal-Gustizzja li imbaghad dan iwassalhom ghand il-Presisent tar-Repubbblika dak li ghandu x'jaqsam mat-Tqassim ta' Dmirijiet tal-Imhallfin/Magistrati.

"In vista ta' dan, [u] tal-principju "nemo iudex in causa propria", in vista tal-Kodici ta' Etika tal-Gudikatura, paragrafu 23, u tal-Art 101 tal-Kostituzzjoni fejn allura kull parti ghandha d-dritt legali li l-kontroversja tkun deciza minn imhallef li mhux biss ikun imparzjali imma [ukoll] li jidher imparzjali.

"In vista ta' diversi gurisprudenza [recte: sentenzi] tal-Qorti Kostituzzjonali fosthom *"Lawrence Grech vs L-Avukat Generali"* 7 ta' Marzu 2017 li sahansitra gie kkwotat il-Kodici ta' Etika, in vista tas-sentenza *"Sandro Chetcuti kontra l-Avukat Generali"* 12 ta' Lulju 2005, in vista ta' sentenza *"Il-Pulizija vs Joseph Lebrun"* 18 ta' Frar, 2007 u *"Repubblika ta' Malta vs Meinrad Calleja"* u in vista ta' *"Micallef vs Malta"* tal-ECHR tal-15 ta' Ottubru 2009, fost ohrajn, dan kollu jwassal li b'umilta` ssir din it-talba biex il-gustizzja mhux biss issir imma [ukoll] tidher li qed issir, aktar u aktar ghaliex, pero` mhux biss ghalhekk meta fil-kors tal-qadi ta' dmirijietu s-Sinjurija Tieghu Prim Imhallef diga' esprima ruhu meta huwa ta' rakkommandazzjoni dwar it-tqassim tax-xoghol tat-tlett Magistrati u tlett Imhallfin koncernati u dan minkejja t-talba ghal *interim measure* illi ***Repubblika*** kienet ghamlet sija permezz ta' protest gudizzjarju pubbliku fit-12 ta' April 2019 u bl-istess kawza ftit sieghat qabel l-ghoti tal-guramenti fil-25 ta' April 2019 u allura certament japplika wkoll l-Art. 734 (1) (d) (i) u (e) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili."

3. Min-naha taghhom l-intimati laqghu ghat-talba tar-rikorrenti hekk:

"Dr. Peter Grech ghall-intimati appellati qed jopponi ghat-talba tar-rikuza stante illi r-ragunijiet illi ngiebu biex isostnu l-istess talba ma humiex rilevanti ghall-kawza [odjerna] meta wiehed iqis il-fatti

u t-talbiet li qed isiru f'din il-kawza. F'din il-kawza qed tigi impunjata s-sistema ta' hatra tal-gudikatura skont il-Kostituzzjoni ta' Malta u b'mod partikolari l-fatt illi hatriet fil-gudikatura jirrikjedu l-intervent tal-Prim Ministru. Illi ghalhekk il-meritu ta' din il-kawza la ghandu x'jaqsam mal-*Kumitat dwar hatriet fil-Gudikatura* illi fil-fatt ma jaghmel l-ebda hatriet hu pero' jista' biss jesprimi ruhu dwar l-idonjeta' o meno ta' persuna biex tinhatar fil-gudikatura u lanqas ma ghandu x'jaqsam mal-assenjazzjoni tad-doveri lill-imhallfin u magistrati illi ssir fuq rakkommandazzjoni tal-Prim Imhallef ai termini tal-Art. 101A tal-Kostituzzjoni. Illi ghalhekk meta assenja d-doveri lid-diversi imhallfin, il-Prim Imhallef ma jkunx qieghed jincidi fuq il-meritu ta' din il-kawza u bl-ebda mod ma jkun qieghed jesprimi ruhu fuq l-istess.

"Illi ghalhekk anke l-artikolu tal-*Kodici ta' Etika tal-Gudikatura* illi jitkellem fuq perikolu manifest ta' nuqqas ta' smigh xieraq ma huwa rilevanti. F'dan ir-rigward l-esponenti jaghmlu referenza wkoll ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali *"Samuel Azzopardi vs Avukat Generali"* u jissottomettu ghalhekk illi ma hemm ebda kwistjoni li tista' legittimament titqanqal taht l-Art. 734 (1) (d) (i) jew 734 (1) (e) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li huma l-unici disposizzjonijiet li jistghu jirregolaw din il-kwistjoni ta' rikuza."

Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

4. L-artikoli fuq citati jaqraw hekk:

"734.(1) L-imħallef jista' jiġi rrikużat jew jista' jastjeni ruħu milli joqgħod fil-kawża

…………………….

"(d) (i) jekk ikun ta l-parir tiegħu, ittratta quddiem il-qorti jew kiteb dwar il-kawża jew dwar kull ħaġa oħra li għandha x'taqsam mal-kawża jew tiddependi minnha.

………………………

"(e) jekk hu, jew il-mara tiegħu, jew ir-raġel tagħha, ikollhom interess dirett jew indirett dwar kif tinqata' l-kawża;

5. Il-Qorti tirribadixxi li:

"... … … Illi f'dan ir-rigward tajjeb jingħad li biex raġuni twassal għall-astensjoni jew għar-rikuża ta' ġudikant din trid tkun waħda

konkreta u mhux biss mistħajla. B'mod partikolari ingħad li "il-liġi ma tridx li, sempliċement għax parti jew oħra f'kawża 'tħoss' jew 'jidhrilha' li ġudikant jista' jkun parzjali, allura dak il-ġudikant għandu ma jieħux konjizzjoni ta' dik il-kawża. Apparti l-obbligu li l-liġi timponi fuq il-ġudikant li joqgħod f'kull kawża li tiġi lilu assenjata skond il-liġi u li jastjeni jew jilqa' l-eċċezzjoni tar-rikuża fil-każijiet biss fejn ikun legalment ġustifikat li huwa ma jkomplix jieħu konjizzjoni ta' dik il-kawża, mhux kull 'ħsieb' ta' parzjalita' li jista' talvolta jgħaddi minn moħħ parti jew oħra, jista' jingħad li huwa 'oġġettivament ġustifikat'. It-test oġġettiv ta' l-imparzjalita', anke kif mifhum mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jirrikjedi li jkun hemm **bażi oġġettivament riskontrabbli**[1] [Ara wkoll kazistika citata b'approvazzjoni fil-kaz *App.Inf. Gordon Grixti Fino v. St.Patrick's Salesian School*, deciz 30 ta' Settembru 2015]." [Q.Kos. 73/14 **Dr Joseph Zammit Tabona et vs Direttur Generali tal-Qrati tal-Gustizzja et** deciza fil-25 ta' Novembru 2016]

6. Fil-kaz odjern minn qari tar-rikors promotur jirrizulta manifest li s-soggett principali tal-kawza huwa "is-sistema ezistenti ta' hatriet fil-gudikatura" f'Malta u, b'mod specifiku l-atturi jilmentaw minn dik li jsejhu "diskrezzjoni assoluta tal-Prim Ministru" fil-hatra ta' gudikanti, filwaqt li jippremettu li *"il-Kummissjoni Venezja tosserva bl-aktar mod kategoriku li 'The Prime Minister should not have the power to influence the appointment of Justices and Judges-Magistrates'".* Fit-talbiet taghhom huma jilmentaw li dik <u>is-sistema</u> tista', inter alia, twassal ghall-ksur tad-dritt fundamentali ta' smigh xieraq skond l-Artikolu 39 [2] tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, u ksur tal-Artikolu 19[1] tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropeja u l-Artikolu 47 tac-Charter tad-Drittijet Fundamentali tal-Unjoni Ewropeja.[2]

---

[1] Enfasi ta' din il-Qorti

[2] Ghal kull buon fini jinghad li fil-mori tal-proceduri gie trattat l-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni

7. Illi l-President tal-Qorti fil-funzjoni tieghu ta' Prim Imhallef m'ghandu ebda diskrezzjoni dwar il-hatra ta' gudikanti, u l-funzjoni[3] tieghu fir-rigward hija dik li jippresjedi l-*Kumitat Dwar il-Hatriet tal-Gudikatura* [il-Kumitat] u hija limitata ghall-evalwazzjoni tal-"elegibilita' u l-meritu" ta' min hu interessat, jew min ikun tressaq mill-Prim Ministru, li jservi fil-karika ta' imhallef jew magistrat, u jaghmel ir-rakkomandazzjoni tieghu lill-Ministru tal-Gustizzja li minn naha tieghu jghaddi ir-rakkomandazzjoni lill-Prim Ministru li, fis-sistema ezistenti, finalment ghandu d-diskrezzjoni lil min jahtar gudikant; tant id-diskrezzjoni ta' min jinhatar gudikant hi f' idejn Prim Ministru, u mhux f'idejn il-Kumitat, li l-Prim Ministru jista' ma jaqbilx mar-rakkomandazzjoni tal-Kumitat u xorta jahtar persuni li ma kinux gew approvati mill-Kumitat, basta f'dawn il-kazijiet jaghti ragunijiet fir-rigward[4].

8. Ghaldaqstant il-funzjoni tal-Prim Imhallef li jippresjedi l-Kumitat ghall-evalwazzjoni ta' kanditati li jkunu esprimew l-interess taghhom jew li isimhom tressaq quddiem il-Kumitat, sabiex jservu bhala imhallfin jew magistrati ma twassalx necessarjament ghall-hatra ta' gudikant, ghax din tibqa' dejjem fid-diskrezzjoni tal-Prim Ministru.

9. Nigu issa ghall-ilment inkwantu ibbazat fuq il-funzjoni tal-Prim Imhallef li jaghmel ir-rakkomandazzjonijiet rigwardanti l-assenjazzjoni tad-dmirijiet tal-imhallfin u tal-magistrati. Il-Qorti tosserva li fir-rigward

[3] Art.96[6][a][c][d] tal-Kostituzzjoni
[4] Art.96[4] *Ibid*

jirrizulta manifest li din il-funzjoni obbligatorja tal-Prim Imhallef ma tinfluwixxi bl-ebda mod fuq il-meritu tal-kawza. L-assenjazzjoni tad-doveri issir wara l-hatra tal-gudikant nominat kif fuq spjegat u l-Prim Imhallef ma jistax jonqos milli jassenja d-dmirijiet lil persuna nominata imhallef jew magistrat minghajr ma jkun qed jonqos mid-doveri tieghu skond il-Kostituzzjoni. Din il-Qorti ma tarax kif din il-funzjoni tal-Prim Imhallef tinfluwixxi fuq il-meritu tal-kawza.

10. Ferm il-premess din il-Qorti ma tarax kif il-Prim Imhallef presjedenti il-Qorti, fl-ezercizzju tal-funzjonijiet kostituzzjonali tieghu fuq indikati jista' jitqies li kiteb jew ta parir jew esprima ruhu dwar il-meritu tal-kawza odjerna jew ghandu xi interess fl-istess ai termini tal-paragrafi [d] u [e] fuq citati. Inoltre, lanqas ma jirrizulta li hemm "bazi oggettiva riskontrabbli" li taghmel opportuna r-rikuza jew l-astensjoni tieghu u ghalhekk, ghandu l-obbligu legali li jkompli jisma' l-kawza odjerna.

11.Ghar-ragunijiet premessi l-Qorti tiddisponi mit-talba tal-atturi billi tichadha.

Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef

Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef

Noel Cuschieri<br>Imhallef

Deputat Registratur<br>gr